KUNSILL LOKALI ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun**

**It-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 33**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun fis-Sala ta' l-Kunsill nhar it-Tlieta, 25 ta' Jannar, 2022 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Vincent Bonello – Viċi Sindku
Joseph Cuschieri – Kunsillier
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier

**UFFICCJAL PREŻENTI:**

Daniel Buġeja – Segretarju Eżekuttiv

**33.01 ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skond Ordni Permanenti 14A (3):**

33.01.01 Jurgen Carl Grixti – Kunsillier / Carmen Borg – Kunsillier / Cynthia Tommasuolo – Kunsillier

*Misraħ il-Kunsill*
*Triq id-Duka t'Edinburgh*
*Ħamrun ĦMR 2063*
*hamrun.lc@gov.mt*

**Is-Sindku Christian Sammut** ippresjeda l-laqgħa.

**33.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

33.02.01 Ġew iċċirkolati l-Minuti ta' Seduta Nru 32 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

**33.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

33.03.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill hemm skema biex nieħdu fondi għal attivitajiet. Huwa issuġerixxa li napplikaw għal fondi biex inkunu nistgħu norganizzaw Pjazza Mużika fi' Pjazza San Pawl. Kunsill qabel unanimament.

33.03.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li x-xogħolfiz-zona ta' Triq Qrejten huwa lest u kellna feedback possitiv mir-residenti.

33.03.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li Infrastructure Malta informatna li beda ix-xogħol fi' Cordina Perez.

33.03.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li beda ix-xogħol fuq il-berġa fil-premises il-ġodda ta' l-Kunsill. Huwa qal li l-kunsill hemm bżonn jagħmel il-partitions u jagħddi id-dawl u l-ilma. Kunsill qabel unanimament.

33.03.05 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li meta kien il-maltemp, il-ħaddiema inqabdu f'ilmijiet għolja u l-van ittiħedt għand il-mekanik. Huwa qal li qed nistennew stima ezatt ta' l-ispiża.

33.03.06 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li dwar il-proġett ta' l-Azzjoni Katolika (l-LEGA) għadna qed nistenew iktar informazzjoni.

33.03.07 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li l-impjegat il-ġodd bdew bil-ħidma u sejrin tajjeb.

33.03.08 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa lil Kunsill li Triq il-Kbira tintrama bid-dawl għal San Valentinu. Huwa qal ukoll li għal Karnival sa' jitpogga karru statiku fi' Pjazza San Pawl min festival Malta, filwaqt li issuġerixxa li nikru xi' maskaruni biex inzejnu lil Ħamrun għal spiża ta' €150.

33.03.09 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li Optimus, NGO li tigħn lil min hu fil-bżonn, ikuntatjat lil kunsill biex jagħmlu xi' korsijiet lil tfal mil-primarja li huma batuti. Huwa qal li l-kunsill ma' ghandux spejjeż iżda issuġerixxa li nħalsu tqassim ta' flers biex inkunu nistgħu nighnuwom. Kunsill qabel unanimament.

33.03.10 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li ġie avviċinat min xi nies biex jerġa jibda l-keep fit. Kunsill qabel li dawn issiru hekk kif ikun possibli.

33.03.11 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li ġie informat li fis-26 ta' Jannar sa jkun hemm press conference dwar fondi għal progett fi' Ġnien Salvinu Spiteri.

33.03.12 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li l-perit li qabadna biex jigħn fl-iskema ta' l-faċċatti talabna xi' hlasijiet biex ikoppri iktar spejjeż. Kunsill qabel li nħalsuħ.

**33.04 Performance Bonus Segretarju Eżżekutiv**

33.04.01 **Għal din il-parti, is-Segretarju Eżżekutiv ħareg mil-kamra.**

**Is-Sindku Christian Sammut** informa is-segretaru li l-kunsill ideċieda li jingħata 9% ta' l-performance bonus.

**33.05 Proġetti fil-Ħamrun (Skemi Ġodda)**

33.05.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li hemm skema biex napplikaw għal fondi u nirangaw il-bandli. Huwa issuġerixxa li naplikaw biex niranġaw il-bandli ta' Ġnien Anton Buttiġieġ. Kunsill qabel unanimament.

33.05.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li hemm skema min' Ambjent Malta biex jingħataw fondi dwar proġett ambjentali. Huwa issuġerixxa li issir proġett fiz-zona ta' r-Raabat, huwa qal li ma' hemmx bżonn permessi ta' l-Awtorita ta' l-ippjanar. Huwa issuġerixxa wkoll, li l-perit ikun Samuel Formosa. **Il-Kunsillier Vincent Bonello** issuġerixxa li jsiru wkoll il-bankini. Kunsill qabel unanimament.

**33.06** Rapport Finanzjarju Q2 2021

33.06.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda ir-Rapport Finanzjarju Q2 2021.

**Il-Kunsillier Vincent Bonello** ippropona l-approvazzjoni ta' dan ir-rapport

**Il-Kunsillier Efrem Buttigieg** issekonda il-mozzjoni**.**

Ir-Rapport Finanzjarju ġie approvata b'mod unanimu.

**33.07 Tenders**

33.07.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li hemm ħtieġa li issir l-evalwazzjoni ta' t-tender ta' l-ġnien fuq il-Liċeo, l-1 fażi. Huwa issuġerixxa li jkun l-istess board ta' qabel. Kunsill qabel unanimament.

33.07.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li t-tender għal bandli ġie assenjat. Huwa qal li issa jmiss li jsiru laqgħat u issuġerixxa li l-Perit Samuel Formosa jkun il-perit ta' l-proġett ta' triq is-Sorijiet iż-żghar.

33.07.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li t-Tender ta' l-Karozza Eletrika ġie mogħti lil l-irħas bidder u irridu nistenew iż-żmien ta' apell.

33.07.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li l-apell ta' t-tender ta' gbir ta' skart domestiku, intrebaħ mil-kunsill. Huwa qal li l-kuntratur preżenti lest li jkompli għadejj iktar żmien, u għaldaqstant issuġerixxa li nistenew li jinħareg mir-reġjun flok noħorġuħ aħna. Kunsill qabel unanimament.

**33.08 Skeda ta' Ħlasijiet**

33.08.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda l-iskeda ta' ħlasijiet għax-xahar ta' Jannar, 2022.

**Il-Kunsillier Josef Cuschieri** ippropona l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Efrem Buttigieg** issekonda il-mozzjoni**.**

L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**33.09 Ħwejjeġ Oħra**

33.09.01 **Il-Kunsillier Efrem Buttigieg** talab informazzjoni dwar l-iskema ta' Restawr ta' Faċċatti li ħareġ il-gvern. Huwa ġie informat li jekk il-persuna ingħatat numru ta' referenza, dan għandu applikazzjoni u jikuntatawħ huma.

33.09.02 **Il-Kunsillier Josef Cuschieri** qal li ġie avviċinat min Medina Foundation for Music li issuġerixew li issir serata mużikali f'ġieħ is-Surmast Charles Camilleri. Il-Kunsill qabel li jidiskuti biex jingħata ġieh persuna mil-Ħamrun.

**33.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

33.10.01 Il-laqgħa intemmet fid-8:00 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 23 ta' Frar, 2022 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum, 07 ta' Frar, 2022

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Christian Sammut | Daniel Bugeja |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |